Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 521/2015

Il-Pulizja

Vs

Tarquin Vella

Illum 25 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Tarquin Vella detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 405690 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli għax-xahar ta' Mejju, 2015 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jagħti lil Roxanne Brignone u / jew ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u / għall-ulied fi żmien 15 – il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-9 ta' Novembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tarquin Vella, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma il-ħtija u tilliberah minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u l-esponent iħossu aggravat b' din is-sentenza u għaldaqstant huwa qiegħed jappella minnha quddiem dina l-Qorti.

Illi l-fatti kienu sempliċiment is-segwenti:

Illi l-appellant huwa ordnat li jħallas manteniment, iżda huwa bla xogħol u għadu kemm ħareġ minn sentenza ta' priġunerija;

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-ewwel provi prodotti. L-appellant f' Mejju 2015, kien qed jiskonta sentenza ta' priġunerija u b'hekk kien impossibli għalih li jħallas manteniment. Sal-lum l-esponent m'ghandux xogħol.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant illum seduta stante hallas lill-parte leza Roxanne Brignone is-somma ta' €350 li jkopri l-manteniment dovut ghal-perjodu indikat fl-akkuza. Illi ghalkemm l-akkuza kif dedotta kontra l-appellanti tirrizulta ppruvata anke bl-ammissjoni tieghu stess maghmula quddiem l-Ewwel Qorti madnakollu din il-Qorti hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevoka in kwantu ikkundannatu ghal xahar detenzjoni u wara li rat l-artikolu 22

tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef